# HIJA R-RUĦ IMMORTALI?

## 109 ’L MISTOQSIJA DWAR X’TGĦID IL-BIBBJA MQADDSA DWAR IR-RUĦ

Minn
George Ebejer

# HIJA R-RUĦ IMMORTALI?

Fuljett li tqassam fid-djar tagħna (Novembru 2006) mill-għaqda li jsejħu lilhom infushom "Xhieda ta' Ġeħova" u li jġib it-titlu ta' "It-Tmiem Tar-Reliġjon Falza Huwa Fil-Qrib!" f'żewġ mistoqsijiet minn tlieta hemm ingann kbir fihom fejn fit-tielet waħda, jintwera ritratt ta' qassis Kattoliku, imma kull ma wieħed għandu jagħmel huwa li jidħol fil-website:
http://news.bb.co.uk/2/hi/uk_news/england/2123546.stm u dan għandu jsib li dak li fil-fuljett tax-Xhieda ta' Ġeħovah qegħdin jakkużaw knejjes b'tolleranza ta' mexxejja reliġjużi li abbużaw sesswalment mit-tfal, dan l-abbuż qiegħed isir mill-mexxejja tagħhom stess, fejn wieħed mill-anzjani tagħhom (James Barratt, 45, minn Rugby, Warwickshire, raġel miżżewweġ b'żewġt itfal) intbagħt sentejn ħabs fuq din l-akkuża.

It-tieni mistoqsija qarrieqa f'dan il-fuljett, u li dwarha jiena qiegħed nagħmel dan il-kwestjonarju, tgħid hekk, u jiena se nikkowta eżatt:

- **IXXERRED DUTTRINA FALZA:** Il-maġġorparti mir-reliġ-jonijiet jgħallmu li r-ruħ, jew l-ispirtu, hija xi parti inviżibbli mill-bniedem li tibqa' tgħix wara l-mewt tal-ġisem fiżiku. Permezz ta' dan it-tagħlim, ħafna minn dawn ir-reliġjonijiet jieħud vantaġġ mill-membri tagħhom, u jiħdulhom il-flus biex jitolbu għall-erwieħ tal-mejtin. Madankollu, il-Bibbja tgħallem duttrina differenti. *"Ir-ruħ li tidneb, tmut."* (Eżekjel 18:4, *Karm Żammit*) "Il-ħajjin, għallinqas, jafu li għad imutu, iżda l-mejtin ma jafu xejh." (Kohèlet 9:5) Ġesù għallem li l-mejtin se jiġu rxoxtati—xi ħaġa li ma jkux hemm bżonnha jekk il-bnedmin għandhom ruħ immortali. (Ġwanni 11:11-25) Tgħallem ir-reliġjon tiegħek li r-ruħ ma tmutx?

Dwar Eżekjel 18:4 u Kohèlet 9:5 wieħed għandu jsib mistosijiet aktar 'il quddiem.

Li wieħed iħallas biex isir talb għall-erwieħ tal-mejtin huwa għalkollox kontra dak li tgħid il-Kelma ta' Alla. Aħna rridu nagħtu kont lil Alla ta' dak li nkunu għamilna waqt li aħna qegħdin hawn ħajjin fuq l-art, wara l-mewt xejn ma jista' jsir biex jibdel id-destin tagħna (2 Korintin 5:10). Imma li minħabba tagħlim żbaljat bħal dan jinħoloq tagħlim żbaljat ieħor, bħal dak li naqraw fil-fuljett, jiġifieri, li r-ruħ tmut u tispiċċa għalkollox, b'hekk inkunu qegħdin aktar ningannaw lill-qarrejja tagħna milli ngħinuhom jaraw il-verità.

Qabel ma wieħed jaċċetta dak li jintqal fuq, dan għandu tassew li jqalleb l-Iskrittura Mqaddsa u jara x'tgħid tassew dwar dan is-suġġett, u

mhux, għax ġew ikkwotati żewġ versi ***barra mill-kuntest tagħhom***, jaqbad u jaċċetta dak li ntqal! "Huwa preċedent perikoluż ħafna, li tikkwota passaġġ mill-Iskrittura bħala appoġġ tal-veduta (jew veduti) tiegħek, meta t-tifsira ta' l-awtur kienet differenti minn dik li int tkun tajt lilu." Ma rridux ninsew li l-Awtur huwa Alla li Jista' Kollox. B'dispjaċir kbir ngħid, illi hekk qiegħed isir f'dak il-fuljett li tqassam. Dak huwa qerq kbir u min hu responsabbli għalih għad irid jagħti kont lil l-Awtur, jiġifieri lil Alla, talli qiegħed jikkowta versi mill-Kelma Tiegħu barra mill-kuntest tagħ-hom u jgħallem tagħlim falz!

Ħalli jiena nħalli f'idejn dak li jaqra dan li hawn taħt, u jwieġeb it-tweġibiet kollha waħdu, u mbagħad jikkonkludi waħdu jekk dak li ntqal fil-fuljett huwiex korrett jew falz!

## HIJA R-RUĦ IMMORTALI?

Wieġeb dawn il-mistoqsijiet ta' hawn taħt waħdek u mingħajr ebda għajnuna ta' ħadd ħlief tal-Bibbja tiegħek! Il-Kelma ta' Alla tgħidilna:

> "6 *Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'dawn il-ħwejjeġ tinżel il-korla ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza.* 7 *Mela tis-sieħbu qatt magħhom!*" (Efesin 5:6, 7).

Jekk xi ħadd se jħalli lil min iqarraq bih bil-mod li jintqal f'dak il-fuljett, dan se jkollu l-korla ta' Alla fuqu għaliex hu ħalla lil min iqarraq bih meta Alla qallu biex ma jħalli lil ħadd iqarraq bih u b'hekk huwa kien diżubbid-jenti lejn Alla.

### Ekkleżjażti 12:7

"*Imbagħad jarġa' t-trab lejn l-art bħalma kien; u **l-ispirtu jarga' lejn Alla li tah**.*"

1. **Mistoqsija**: Qiegħed hawn "it-trab" jirreferi għall-**ġisem fiżiku**?

   **Tweġiba**:

   Iva ☐

   Le ☐

2. **Mistoqsija**: Qiegħed hawn "**l-ispirtu**" jirreferi għal dak l-"ispirtu" (ruħ) li ma jmutx?

   **Tweġiba**:

   Iva ☐

   Le ☐

### Eżekjel 18:20

“***Ir-ruħ li tidneb tmut***, *L-iben ma jbatix minħabba fid-dnubiet ta’ missieru, u lanqas il-missier minħabba fid-dnubiet ta’ ibnu. Il-ġustizzja tal-bniedem ġust titqieslu għalih ġid; u l-ħażen tal-bniedem ħażin jitqieslu għalih kastig.*”

3. **<u>Mistoqsija</u>:**
   Temmen int, li skond Eżekjel 18:20, “ir-ruħ li tidneb **tmut**?
   **<u>Tweġiba</u>:**
   Iva ☐
   Le ☐

4. **<u>Mistoqsija</u>:**
   Temmen int li l-kelma “r-ruħ” hawn tirreferi għall-persuna jew għal l-ispirtu li jmur lura għand Alla meta l-ġisem imut? (Ekkleżjażti 12:7)
   **<u>Tweġiba</u>:**
   Għall-persuna ☐
   Għal l-spirtu li jmur lura għand Alla fil-mewt ☐

5. **<u>Mistoqsija</u>:**
   U jekk “ir-ruħ **li tidneb tmut**,” temmen int li “r-ruħ li **ma tidnibx ma tmutx**, jew it-tnejn imutu?
   **<u>Tweġiba</u>:**
   Ma tmutx ☐
   It-tnejn imutu ☐

6. **<u>Mistoqsija</u>:**
   Temmen int li “l-mewt” hawn tfisser qerda totali mill-eżistenza, jew separazzjoni minn Alla?
   **<u>Tweġiba</u>:**
   Qerda totali mill-eżistenza ☐
   Separazzjoni minn Alla ☐

## <u>Ġenesi 12:13</u>

“*Għid, nitolbok, li inti oħti: biex minħabba fik ma jiġrili xejn, u* ***ruħi tgħix*** *minħabba fik.*”

**Nota:** Fil-verżjonijiet kollha tal-Malti għandhom minflok “ruħi tgħix,” “nibqa’ ħaj” li mhix korretta.

Imma ħaġa ta’ l-iskantament, dawk li jgħallmu li “**r-ruħ tmut**,” jiġifieri, tat-Torri ta’ l-Għassa, Xhieda ta’ Ġeħova, fejn fil-letteratura tagħhom jikkwotaw barra mill-kuntest, Eżekjel 18:20 bħala prova ta’ dan, jiġifieri, li “r-ruħ tmut,” waqt li Ġenesi 12:13 jgħid hekk, u nikkwota: “*Please say you are my sister, in order that it may go well with me on*

*your account, and* ***my soul will*** ***be certain to live*** *due to you.*" (New World Trans-lation, enfasi tiegħi.)

7. Mistoqsija:
   Issa, temmen int, speċjalment jekk int membru tax-Xhieda ta' Ġeħova, li r-**ruħ fiċ-ċert (certain) tgħix**?
   Tweġiba:
   Iva ☐
   Le ☐

8. Mistoqsija:
   Temmen int li **ruħ ma tmutx**?
   Tweġiba:
   Iva ☐
   Le ☐

## Ġakbu 5:20

"*Ħa jkun jaf, li dak li raġġa' midneb mit-triq il-ħażina jkun* ***salva ruħ mill-mewt****, u jgħatti kotra ta' dnubiet.*"

9. Mistoqsija:
   Temmen int, li skond l-ispirazzjoni, wieħed jista' jsalva **ruħ milli tmut**?
   Tweġiba:
   Iva ☐
   Le ☐

10. Mistoqsija:
    Temmen int li **ruħ ma tmutx**?
    Tweġiba:
    Iva ☐
    Le ☐

## Atti 2:41

"*Imbagħad dawk li laqgħu l-kelma tiegħu bil-ferħa kienu mgħammdin: u żdiedu magħhom dak in-nhar madwar* ***tlitt elef ruħ****.*"

11. Mistoqsija:
    Temmen int lit-**tlitt elef ruħ** imsemmija hawn huma persuni tad-demm u laħam jew erwieħ ta' nies li kienu mietu?
    Tweġiba:
    Huma persuni tad-demm u laħam ☐
    ☐

Erwieħ ta' nies li kienu mietu

**Atti 2:43**

"*U biża' ġie fuq* **kull ruħ***: u ħafna egħġubijiet u sinjali kienu jsiru mill-appostli.*"

12. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-kliem "*u biża' ġie fuq kull* **ruħ**" jirreferi għal *erwieħ mejta* jew għall-*persuni tad-demm u l-laħam ħajjin*?

**Tweġiba**:

Huma persuni tad-demm u laħam ☐
Erwieħ mejta ☐

**Atti 3:23**

"*U jiġri, li* **kull ruħ***, li ma tismax lil dak il-profeta, tinqered minn fost il-poplu.*"

13. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-kliem "*kull* **ruħ**" jirreferi għal *ruħ* spirtu jew għall-*persuna tad-demm u l-laħam ħajja* li ma tkunx trid tisma' minn Kristu?

**Tweġiba**:

Huma persuni tad-demm u laħam ☐
Erwieħ spirtu ☐

**Atti 4:32**

"*Il-kotra kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u* **ruħ waħda***. Ħadd minnhom ma kien igħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda kellhom kollox flimkien.*"

14. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-kliem "***ruħ waħda***" jirreferi għar-*ruħ* spirtu jew għall-*fehma waħda*?

**Tweġiba**:

Ruħ spirtu ☐
Fehma waħda ☐

**Atti 7:14**

"*Imbagħad bagħat Ġużeppi jsejjaħ għandu lil Ġakobb missieru, u l-qrabatu kollha,* ***ħamsa u sebgħin ruħ***.*"

15. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-kliem "**ħamsa u sebgħin *ruħ***" jirreferi għak ħamsa u sebgħin *ruħ spirti* jew għall-*nies ħajjin tad-demm u l-laħam*?

**Tweġiba**:

Ruħ spirti ☐
Nies ħajjin ☐

**Atti 27:36-38**

"*36Imbagħad ilkoll qawwew qalbhom, u ħadu wkoll xi ta' l-ikel. 37Konna b'kollox* ***mitejn u sitta u sebgħin ruħ*** *fuq il-ġifen. 38U meta kielu biżżejjed, ħaffew il-ġifen, u tefgħu l-qamħ il-baħar.*"

16. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-kliem "**mitejn u sitta u sebgħin *ruħ***" jirreferi għal mitejn u sitta u sebgħin *ruħ spirti* jew għall-*nies ħajjin*?

**Tweġiba**:

Ruħ spirti ☐
Nies ħajjin ☐

**Ġenesi 46:1**

"*Dawn huma wlied Lija, li wildet lil Ġakobb fil-Fiddien-Aram, barra minn Dina bintu: b'kollox, subjien u bniet,* ***tlieta u tletin ruħ****.*"

17. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-kliem "**tlieta u tletin *ruħ***" jirreferi għal erwieħ ta' nies li kienu mietu jew għal *nies ħajjin tad-demm u l-laħam*?

**Tweġiba**:

Erwieħ ta' nies mejta ☐
Nies ħajjin ☐

**Rumani 13:1**

"*Ħalli* ***kull ruħ*** *tkun suġġetta għal awtorità aktar għolja...*"

18. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-kliem "**kull *ruħ***" jirreferi għal erwieħ ta' nies li kienu mietu jew għal *nies ħajjin tad-demm u l-laħam*?

**Tweġiba**:

Erwieħ ta' nies mejta ☐
Nies ħajjin ☐

**Ġakbu 1:21**

"*Għalhekk warrbu kull tniġġis, u l-kobor żejjed tal-ħażen, u ilqgħu bil-ħlewwa l-kelma imlaqqma fikom, u* ***li tista' issalvalkom ruħkom****.*"

19. __Mistoqsija__:
    Temmen int, li skond Ġakbu, *ruħ tista' ssalva*?
    __**Tweġiba**__:

    Iva ☐
    Le ☐

20. __Mistoqsija__:
    Temmen int, li *jekk ir-ruħ* ***tista' ssalva*** *allura din ma tmutx*?
    __**Tweġiba**__:

    Iva ☐
    Le ☐

**__Ġakbu 5:20__**

"*Ħa jkun jaf, li dak li raġġa' midneb mit-triq il-ħażina jkun* ***salva ruħ mill-mewt****, u jgħatti kotra ta' dnubiet.*"

21. __Mistoqsija__:
    Temmen int, li skond Ġakbu, ***ruħ*** *tista' ssalva* ***mill-mewt***?
    __**Tweġiba**__:

    Iva ☐
    Le ☐

22. __Mistoqsija__:
    Temmen int li *jekk ir-ruħ* ***tista' ssalva mill-mewt*** *allura din* ***tista' ma tmutx***?
    __**Tweġiba**__:

    Iva ☐
    Le ☐

**__1 Pietru 1:9__**

"*Billi taqilgħu l-għan tal-fidi tagħkom, is-salvazzjoni ta' ruħkom.*"

23. __Mistoqsija__:
    Temmen int, li skond Pietru, ***ruħ*** *tista' ssalva*?
    __**Tweġiba**__:

    Iva ☐
    Le ☐

24. __Mistoqsija__:
    Temmen int, li jekk ***ruħ*** *tista' ssalva* allura *r-ruħ tista'* ***ma tmutx*** ukoll?

**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

25. **Mistoqsija**:

Temmen int, li ***ruħ*** *tista' tkun salva* u fl-istess ħin mejta, ma teżistix?

**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**1 Pietru 2:25**

"*Għax kontu bħal ngħaġ mitlufa; imma issa rġajtu lejn ir-Ragħaj u l-**Għassies ta' ruħkom**.*"

26. **Mistoqsija**:

Temmen int, li Kristu hu Għassies ta' erwieħ li jmutu, ma jibqgħux jeżistu?

**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**1 Pietru 3:20**

"[20]*Lil dawk li darba ma obdewx, meta s-sabar ta' Alla kien jistenna fi żmien Noè, waqt li l-arka kienet qiegħda tinbena, li fiha ftit, jiġifieri **tmien erwieħ**, salvaw bl-ilma.*"

27. **Mistoqsija**:

Temmen int, li ***erwieħ*** hawn tirreferi għall-familja ta' Noè?

**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**Rivelazzjoni 20:4**

"*…U jiena rajt **l-erwieħ ta' dawk li kellhom rashom maqtugħa** minħabba x-xhieda ta' Ġesù, u minħabba l-kelma ta' Alla, u dawk li ma qimux lill-bhima, u lanqas lix-xbieha tagħha, u lanqas ħadu l-marka tagħha fuq ġbinhom jew fuq idhom;…*"

28. **Mistoqsija**:

Temmen int **l-erwieħ** imsemmija hawn huma persuni tad-demm u laħam li kienu għadhom ħajjin jew erwieħ ta' nies li kienu *mietu*?

**Tweġiba**:

Huma persuni tad-demm u laħam ☐
Erwieħ ta' nies li kienu mietu ☐

**Ir-raġuni li ma hemmx għarfien, għerf, qima, jew tifħir fil-qabar hija illi l-intelliġenza tal-bniedem mhix fil-ġisem, li, fil-qabar imur lura għat-trab. Dawn huma Skritturi li jħobbu jużawhom dawk li għallmu d-dottrina ta' "l-irqad tar-ruħ":**

<u>Ekkleżjażti 3:19-20</u>

"*Għax ix-xorti tal-bnedmin hi x-xorti tal-bhejjem; għax dak li jiġri lil dawn, jiġri lil dawk;* ***bħal ma jmut wieħed, hekk imut l-ieħor****; għand-hom ilkoll l-istess nifs, u l-bniedem m'għandu xejn akbar mill-bhima; għax kollox frugħa.* [20]*Kollha jmorru f'post wieħed;* ***kollha jiġu mit-trab, u kollha jerġgħu jmorru fit-trab****.*"

29. <u>Mistoqsija</u>:
Taħseb int lir-riferenza hija hawn għar-ruħ jew għall-ġisem?
<u>**Tweġiba**</u>:
Għar-ruħ ☐
Għall-ġisem ☐

30. <u>Mistoqsija</u>:
Xi jmur fit-trab skond Ekkleżjażti 12:7, ir-ruħ (spirtu) jew il-ġisem?
<u>**Tweġiba**</u>:
Ir-ruħ (spirtu) ☐
Il-ġisem ☐

<u>Ġenesi 3:7</u>

"*U Yaħweh Alla sawwar lill-bniedem bit-trab ta' l-art, u nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja; u l-bniedem sar ruħ ħajja.*"

31. <u>Mistoqsija</u>:
Temmen int li kien il-ġisem fiżiku li kien imsawwar mit-trab ta' l-art jew ir-ruħ?
<u>**Tweġiba**</u>:
Ir-ruħ ☐
Il-ġisem ☐

32. <u>Mistoqsija</u>:
Temmen int lir-ruħ ħajja saret mit-trab ta' l-art jew direttament minn Yaħweh?
<u>**Tweġiba**</u>:
Mit-trab ta' l-art ☐
Minn Yaħweh ☐

<u>**Salm 63:1, 5, 8**</u>

"[1]*O Alla, int Alla tiegħi; mis-sebħ infittxek jien:* ***ruħi*** *għatxana għalik, laħmi mxennaq għalik f'art niexfa u maħruqa, fejn m'hemmx ilma;* [5]***Għax fil-mewt m'hemmx tifkira tiegħek****: fis-saltna ta' l-imwiet min jiżżik-ħajr?* [8]***Ruħi*** *tingħaqad miegħek biex timxi warajk: idek il-leminija twe-żinni.*"

33. **Mistoqsija**:
Temmen int li l-frażi "**Għax fil-mewt m'hemmx tifkira tiegħek**" tapplika għar-ruħ jew għall-ġisem?
**Tweġiba**:

Għar-ruħ ☐
Għall-ġisem ☐

**Salm 88:10-12**

"*Turi int egħġubijiet* ***mal-mejtin****?* ***Iqumu l-mejtin*** *biex ifaħħruk?* [11]*Tix-xandar ewwilla t-tjieba tiegħek* ***fil-qabar****? Jew il-fedeltà tiegħek fil-post tat-telfien?* [12]*L-egħġubijiet tiegħek jintgħarfu fid-dlam? U l-ħaqq tiegħek* ***f'art il-minsijin****?*"

34. **Mistoqsija**:
Temmen int li l-kliem "**mal-mejtin**," "**Iqumu l-mejtin,**" u "**f'art il-minsijin**" jirreferu għar-ruħ jew spirtu *li jmur lura għand Alla* jew għall-ġisem fil-qabar?
**Tweġiba**:

Għar-ruħ jew spirtu *li jmur lura għand Alla* ☐
Għall-ġisem fil-qabar ☐

**Salm 115:17**

"***Il-mejtin*** *ma jfaħħrux il-Mulej, lanqas dawk li jinżlu fis-skiet.*"

35. **Mistoqsija**:
Temmen int li l-kliem "il-mejtin" u "lanqas dawk li jinżlu fis-skiet" jirriferi għall-ġisem fiżiku fil-mewt jew għall-ispirtu (ruħ) *li jmur lura għand Alla li tah*, li Yaħweh nefaħ f'imnifsen il-bniedem?
**Tweġiba**:

Għal l-ispirtu *li jmur lura għand Alla li tah* ☐
Għall-ġisem fiżiku fil-mewt ☐

**Salm 146:4-5**

"Jieqaf nifsu, u jarġa' lura lejn artu; dak in-nhar stess **ħsibijietu jintem-mu**. [5]Hieni min għandu **'l Alla ta' Ġakobb** bħala għajnuna tiegħu, li t-tama tiegħu hi f'Yaħweh, Alla tiegħu."

36. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-kliem "**ħsibijietu jintemmu**" jirreferu għall-ġisem fiżku fil-qabar jew għall-ispirtu li jmur lura għand Alla li tah?
**Tweġiba**:

Għal l-ispirtu li jmur lura għand Alla li tah ☐
Għall-ġisem fiżiku fil-qabar ☐

37. **Mistoqsija**:
Temmen int li "**'l Alla ta' Ġakobb**" hu Alla **tal-mejtin** billi Ġakobb kien mejjet f'dak il-ħin li ntqal dak il-kliem?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

Jekk it-tweġiba tiegħek hija IVA, allura tajjeb li taqra Mattew 22:31-32 u Luqa 20:37-38.

## Ekkleżjażti 9:5-6, 10

"*Għax **il-ħajjin** jafu li għad **imutu**, iżda **l-mejtin ma jafu xejn**, u ma hemmx iżjed ħlas għalihom; għax intesiet tifkirithom.* [6]*L-imħabba, il-mib-egħda, il-għejra tagħhom ilhom li diebu, u ma jkollhom qatt l-ebda **sehem** f'kulma jsir **taħt ix-xemx**...*[10]*Kulma ssib idek x'tagħmel, agħmlu bil-ħeġġa kollha tiegħek; għax mhemmx ħedma, u la ħsieb, u la tagħlim, u la għef fis-saltna ta' l-imwiet fejn sejjer.*"

38. **Mistoqsija**:
Temmen int li l-kliem "**il-ħajjin** jafu li għad **imutu**, iżda **l-mejtin ma jafu xejn**" qiegħed jirreferi għall-**ġisem fiżiku** u mhux għal **l-ispirtu** li jmur lura għand Alla li tah?
**Tweġiba**:

Għal l-ispirtu li jmur lura għand Alla li tah ☐
Għall-ġisem fiżiku fil-mewt ☐

**Nota:** L-espressjoni "**taħt ix-xemx**" hija wżata 29 darba fil-ktieb ta' Ekkleżjażti fejn tirreferi **għad-dominju tad-dinja** u mhux ta' wara l-mewt: 1:3, 9, 14; 2:11, 17-20, 22; 3:16; 4:1, 3, 7, 15; 5:13, 18; 6:1, 5, 12; 8:9, 15, 17; 9:3, 6, 7, 9, 11, 13; 10:5.

**L-Iskrittura titkellem dwar il-mewt bħala "rqad" biss fir-riferenza tagħha għall-ġisem fiżiku (mhux l-ispirtu) tal-bniedem. F'ċertu sens dan jidher li, meta mejjet, il-ġisem ikun qisu "rieqed."**

Eżempji ta' dan insibuhom fl-Iskritturi li ġejjin: 1 Slaten 1:21; 2 Slaten 10: 35; 16:20; 2 Kronaki 27:9; Ġob 14:12; Salm 13:3; Ġeremija 51:39, 57;

Danjel 12:2; Mattew 27:52; Mark 5:39; Luqa 8:52-55; Ġwanni 11:11-14; Atti 13:36; 1 Korinitn 15:6, 51, 20; 1 Tessalonikin 4:14; 5:9, 10.

**Ġenesi 1:27**

"*Hekk Alla ħalaq il-bniedem fuq* ***ix-xbieha tiegħu: fuq ix-xbieha t'Alla ħalqu****; raġel u mara ħalaqhom.*"

39. **Mistoqsija**:
Huwa l-bniedem maħluq "**fix-xbieha ta' Alla**"?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**Ġenesi 1:27**

"*Hekk Alla ħalaq il-bniedem fuq* ***ix-xbieha tiegħu: fuq ix-xbieha t'Alla ħalqu****; raġel u mara ħalaqhom.*"

40. **Mistoqsija**:
Huwa l-bniedem maħluq "**fix-xbieha ta' Alla**"?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**Ġwanni 4:24**

"***Alla spirtu****: u dawk li jqimuh jaħtieġ li jqimuh fl-ispirtu u fil-verità.*"

41. **Mistoqsija**:
Huwa Alla "Spirtu" jew demm u laħam?
**Tweġiba**:

Spirtu ☐
Demm u laħam ☐

**Ġenesi 2:7**

"*U l-Mulej Alla sawwar il-bniedem bit-trab ta' l-art, u nefaħ f'imnifsejh nifs il-ħajja: u l-bniedem sar* ***ruħ ħajja****.*"

42. **Mistoqsija**: Huwa l-bniedem "**ruħ ħajja**"?

**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**Ekkleżjażti 12:7**

"*Imbagħad jarġa' t-trab lejn l-art bħalma kien; u* ***l-ispirtu jarga' lejn Alla li tah****.*"

43. **<u>Mistoqsija</u>**: Qiegħed hawn "it-trab" jirreferi għall-**ġisem fiżiku**?
**<u>Tweġiba</u>**:

Iva ☐
Le ☐

44. **<u>Mistoqsija</u>**:
Qiegħed hawn "**l-ispirtu**" jirreferi għal dak l-"ispirtu" (ruħ) li ma jmutx?
**<u>Tweġiba</u>**:

Iva ☐
Le ☐

**<u>Atti 7:59</u>**

"*U huma ħaġġru 'l Stiefnu, li kien isejjaħ 'l Alla, u jgħid: Mulej Ġesù,* ***ilqa' l-ispirtu tiegħi.***"

45. **<u>Mistoqsija</u>**:
Juri dan il-vers li l-ispirtu (ruħ) imut meta l-ġisem fiżiku jmut?
**<u>Tweġiba</u>**:

Iva ☐
Le ☐

**<u>Ġenesi 35:18</u>**

"*U ġara, hi* ***u kienet ħierġa ruħha*** *(għax mietet) li semmiet ismu Ben-Oni; iżda missieru semmieh Benjamin.*"

46. **<u>Mistoqsija</u>**: Juri dan il-vers li meta gisem fiżiku jmut, ir-ruħ **toħroġ minnu**?
**<u>Tweġiba</u>**:

Iva ☐
Le ☐

**<u>1 Slaten 17:20-22</u>**

"*U sejjaħ lill-Mulej, u qal: O Mulej, Alla tiegħi, ġibt int ukoll il-għali fuq l-armla li magħha qiegħed noqgħod, billi tħalli 'l binha* ***jmut****? U mtedd tliet darbiet fuq it-tifel, u sejjaħ il-Mulej, u qal: O Mulej, Alla tiegħi, nitolbok, ħalli* ***ruħ*** *dat-tifel* ***targa' tidħol fih****. U l-Mulej sama' leħen Elija;* ***u ruħ it-tifel reġgħet ġiet fih, <u>u ħa l-ħajja</u>***."

47. **<u>Mistoqsija</u>**:
Kien il-ġisem fiżiku mejjet ta' bin l-armla?

**Tweġiba**:

Iva ☐

Le ☐

48. **Mistoqsija**:
Tista' **ruħ mejta** tagħti l-ħajja mill-ġdid lill-ġisem fiżiku mejjet?
**Tweġiba**:

Iva ☐

Le ☐

49. **Mistoqsija**:
Tista' **ruħ ħajja** tagħti l-ħajja mill-ġdid lill-ġisem fiżiku mejjet?
**Tweġiba**:

Iva ☐

Le ☐

**Ġakbu 2:26**

"*Għax bħalma ġisem **bla spirtu hu mejjet**, hekk il-fidi bla opri hi mejta.*"

50. **Mistoqsija**:
Huwa ġisem mingħajr **spirtu (ruħ) mejjet**?
**Tweġiba**:

Iva ☐

Le ☐

**Ġenesi 25:8**

"*U Abraham **radd ruħu, u miet** kbir sewwa fiż-żmien, raġel xiħ, u mimli għomor; **u ngabar ma' niesu**.*"

51. **Mistoqsija**:
Radd Abraham ruħ li ma kinetx konxja jew mejta u nġabar ma' niesu li ma kinux jeżistu?
**Tweġiba**:

Iva ☐

Le ☐

**Ġenesi 35:29**

"*U Iżakk **ta l-ispirtu u miet**, u nġabar ma' niesu, xiħ, u mimli bil-għomor: u difnuh Għesaw u Ġakobb ulied.*"

52. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-ispirtu li ta Iżakk miet ukoll jew li mar lura għand Alla li tah?

**Tweġiba**:

Miet ukoll ☐

Mar lura għand Alla li tah ☐

53. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-ispirtu li ta Iżakk **ma lura lejn Alla** li kien tah?

**Tweġiba**:

Iva ☐

Le ☐

## Ġob 14:10

"*Iżda l-bniedem imut, u jintemm: iva, il-bniedem **irodd ruħu**, u fejn hu?*"

54. **Mistoqsija**:

Temmen int li l-bniedem meta jmut irodd ruħ li mhix konxja jew li ma teżistix jew li jroddha lura għand Alla li taha (Ekkleżjażti 12:7)?

**Tweġiba**:

Irodd ruħ li mhix konxja jew li ma teżistix ☐

Iroddha lura għand Alla li taha (Ekkleżjażti 12:7) ☐

## Atti 5:5-6

"*U malli Ħananija sama' dal-kliem waqa', **u ħarġet ruħu**: u waqa' biża' kbir fuq dawk kollha li semgħu dawn il-ħwejjeġ.* [6]*U ż-żgħażagħ qamu u keffnuh, u ġarrewh 'il barra, u difnuh.*"

55. **Mistoqsija**:

Temmen int, li Ħananija miet fiżikament, għaliex **ħarġet ruħu** minn ġismu?

**Tweġiba**:

Iva ☐

Le ☐

56. **Mistoqsija**:

Temmen int li **r-ruħ** li ħarġet mill-ġisem ta' Ħananija kienet mejta?

**Tweġiba**:

Iva ☐

Le ☐

57. **Mistoqsija**:

Temmen int li jkun bla sens li **toħroġ ir-ruħ** mill-ġisem fil-mewt jekk ir-ruħ tmut ukoll?

**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**Atti 5:10**

"*U minnufih waqgħet f'riġlejh,* ***u ruħha ħarġet****: u ż-żgħażagħ daħlu, u sabuha mejta, u wara ġarrewha 'l barra u difnuha ħdejn żewġha.*"

58. **Mistoqsija**:

Temmen int li Safira mietet għaliex **ħarġet ruħha** minn ġisimha?

**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

59. **Mistoqsija**:

Temmen int li **l-iġsma** ta' Ħananija u ta' Safira marru lura lejn it-trab ta' l-art bħalma kienu; u **l-ispirtu tagħhom mar lura lejn Alla li tah.**" (Ekkleżjażti 12:7)?

**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

60. **Mistoqsija**:

Temmen int li r-ruħ ta' Ħananija u r-ruħ ta' Safira kienu midfuna flimkien mal-ġisem tagħhom?

**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**Luqa 23:46**

"*U meta Ġesù għajjat b'leħen qawwi, qal: Missier, f'idejk* ***nerħi l-ispirtu tiegħi****: u malli qal hekk,* ***radd ruħu****.*"

61. **Mistoqsija**:

Temmen int li Ġesù kien jista' jrodd ruħu, jew l-ispirtu Tiegħu li kieku r-ruħ ma kinetx konxja jew mejta u ma teżistix?

**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**Mattew 10:28**

"*U la tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem,* ***imma ma jistgħux joqtlu r-ruħ****: iżda ibżgħu pjuttost minn dak li jista' jeqred sew ir-ruħ u kemm il-ġisem fl-infern.*"

62. **Mistoqsija**:
Taqbel int, li skond Ġesù, il-ġisem jista' jkun maqtul **imma r-ruħ le**?
**Tweġiba**:
Iva ☐
Le ☐

63. **Mistoqsija**:
Taqbel int, li skond Ġesù, ir-ruħ tista' tmur fl-infern u mhux fl-art?
**Tweġiba**:
Iva ☐
Le ☐

## Luqa 12:20

"*Imma Alla qallu: Ja iblaħ, dal-lejl* ***ruħek*** *tintalab minn għandek, imbagħad dak li ħejjejt ta' min ikun?*"

64. **Mistoqsija**:
Taqbel int, li skond Ġesù, i**r-ruħ** tkun mitluba minn Alla u mhux il-ġisem fiżiku?
**Tweġiba**:
Iva ☐
Le ☐

65. **Mistoqsija**:
Temmen int, li Alla se jitlob lura ruħ mejta jekk ir-ruħ tmut?
**Tweġiba**:
Iva ☐
Le ☐

## Mattew 22:31-32

"*U fuq il-qawma mill-imwiet, ma qrajtux dak li qalilkom Alla, li jgħid: Jien hu Alla t'Abraham, u Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb?* ***Alla mhux Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin****.*"

66. **Mistoqsija**:
Meta Ġesù qal dan il-kliem: Abraham kien ilu mejjet 329 sena, Iżakk kien ilu mejjet 224 sena u Ġakobb kien ilu mejjet 198 sena.

Temmen int li meta Ġesù qal li "**Alla mhux Alla tal-mejtin, <u>iżda</u> <u>tal-ħajjin</u>**" Hu kien qiegħed jirreferi għar-**ruħ** u mhux għall-ġisem fiżiku ta' dawk it-tliet patrijarki?

**<u>Tweġiba</u>:**

Iva ☐

Le ☐

## <u>Luqa 20:37-38</u>

"*Issa li l-mejtin iqumu, urieħ ukoll Mosè ħdejn il-għolliq, meta lill-Mulej sejjaħlu Alla ta' Abraham, u Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb.* [38]*Għax **Hu mhux Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin**: għax kulħadd jgħix għalih.*"

**67. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li Alla Hu Alla tal-ħajjin u mhux tal-mejtin?

**<u>Tweġiba</u>:**

Iva ☐

Le ☐

**68. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li meta Ġesù qal li Alla Hu Alla tal-ħajjin u mhux tal-mejtin Hu kien qiegħed jirreferi għal *l-erwieħ* ta' dawk li kienu mietu fiżikament u li l-ġisem tagħhom kien mar lura lejn it-trab kif kien?

**Tweġiba:**

Iva ☐

Le ☐

## <u>Rumani 14:7-9</u>

"*Għax ħadd minna ma jgħix għalih innifsu, u ħadd ma jmut għalih inifsu.*
[8]*Għax jekk ngħixu, ngħixu għall-Mulej; u jekk immutu, immutu għall-Mulej: mela sew jekk ngħixu, u kemm jekk immutu, aħna tal-Mulej.*
[9]*Għax għalhekk Kristu miet, u qam, u raġa' ħa l-ħajja, biex ikun il-Mulej sew tal-mejtin u kemm tal-ħajjin.*"

**69. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li Kristu huwa l-Mulej tal-mejtin ukoll?

**Tweġiba:**

Iva ☐

Le ☐

**70. <u>Mistoqsija</u>:**

Temmen int li Kristu huwa l-Mulej tal-ġisem mejjet li jmur lura lejn it-trab jew ta' l-ispirtu li jmur lura lejn Alla li tah ?

**Tweġiba:**

Tal-ġisem mejjet li jmur lura lejn it-trab ☐

Ta' l-ispirtu li jmur lura lejn Alla li tah ☐

<u>Luqa 9:29-30</u>

"*Hu u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet, u lbiesu sar abjad u jiddi. U, ara, kien hemm jitkellmu miegħu żewġt irġiel, li kienu* ***Mosè u Elija***"

71. <u>Mistoqsija</u>:

Temmen int li għalkemm Mosè f'dak il-waqt kien mejjet fiżikament (Eżodu 34:5; Dewteronomju 34:5-7) u Elija kien diġa' ħalla d-dinja fiżikament (2 Slaten 2:1) madankollu t-tnejn *kienu għadhom igħixu*?

**Tweġiba:**

Iva ☐

Le ☐

72. <u>Mistoqsija</u>:

Temmen int li erwieħ ta' Mosè u ta' Elija f'dak il-waqt kienu mejta?

**Tweġiba:**

Iva ☐

Le ☐

<u>Luqa 16:19-31</u>

"*Kien hemm wieħed għani, li kien jilbes il-porpra u għażel fin, u kien jixxala kuljum bil-ħala:* [20]*U kien hemm wieħed tallab jismu Lażżru, li kien mixħut ħdejn il-bieb tiegħu, mimli ġrieħi.* [21]*U kien jixtieq jixba' bil-frak li jaqa' minn fuq il-mejda ta' l-għani: iżda sal-klieb kienu jiġu jilaqgħu l-ġrieħi tiegħu.* [22]*U ġara, illi t-tallab* ***miet****, u nġieb mill-anġli fi ħdan Abraham: il-għani wkoll* ***miet, u ndifen****.* [23]*U f'art l-imwiet waqt li* ***kien fit-tbatija, rafa' għajnejh, u ra*** *'l Abraham mill-bogħod, u lil Lażżru fi ħdanu.* [24]*U* ***għajjat, u qal****: Missier Abraham, ikollok ħniena minni, ibgħat 'il Lażżru biex ibill tarf sebgħu fl-ilma, u jberridli lsieni; għax qiegħed* ***muġugħ*** *f'din il-fjamma tan-nar.* [25]*Iżda* ***qal Abraham****: Ibni, ftakar li int ħadt il-ġid f'ħajtek, u Lażżru wkoll ħa d-deni; iżda issa hu jitfarraġ, u inti tbati.* [26]*U barra dan kollu, bejna u bejnkom kien ġie ffissat vojt kbir; biex min ikun irid igħaddi minn hawn għal għandkom ma jkunx jista'; lanqas igħaddu għal għandna dawk li jixtiequ jiġu minn hemm.* [27]*Imbagħad* ***qal****: Nitolbok mela, missier, li* ***tibagħtu f'dar missieri****:* [28]*Għax* ***għandi ħamest aħwa****; biex jixhdilhom,* ***ħalli ma jiġux huma wkoll f'dan il-post tat-tbatija****.* [29]*Abraham* ***qallu****: Għandhom 'il Mosè u l-profeti; ħa jisimgħu-hom.* [30]***U dak qallu****: Le, missier Abraham: iżda jekk xi ħadd* ***mill-imwiet imur għandhom****, jindmu.* [31]*U* ***qallu****: Jekk ma jisimgħux*

*minn Mosè u mill-profeti, lanqas jemmnu, għalkemm wieħed iqum mill-imwiet.*"

73. **<u>Mistoqsija</u>:**
Mingħajr ma tħallat xi interpretazzjoni ta' xi ħadd, kienu r-raġel għani u Abraham, **<u>skond Ġesù</u>**, **<u>konxji</u>** wara mewthom?
**<u>Tweġiba</u>:**
Iva ☐
Le ☐

74. **<u>Mistoqsija</u>:**
Mingħajr ma tħallat xi interpretazzjoni ta' xi ħadd, kienu r-raġel għani u Abraham, **<u>skond Ġesù</u>**, qegħdin **jitkellmu** bejniethom wara mewthom jew le? (versi 29-30 – "Abraham **qallu**... u dak **qallu**:...iżda jekk xi ħadd **mill-imwiet imur** għandhom, jindmu.")
**<u>Tweġiba</u>:**
Iva ☐
Le ☐

## <u>Atti 23:8-9</u>

"*Għax is-Sadduqin igħidu li m'hemmx qawmien minn bejn l-imwiet, u la anġli **u lanqas spirtu**: imma l-Fariżej jistqarru l-wieħed u l-ieħor. [9]U qamet għagħa kbira: u l-iskribi li kienu jżommu mal-Fariżej qamu, u saħnu, igħidu: Ma nsibu xejn ħażin f'dar-raġel (Pawlu): iżda jekk kellmu spirtu jew anġlu, ħa ma neħduhiex kontra Alla.*"

75. **<u>Mistoqsija</u>:**
Kien l-appostlu Pawlu jemmen fl-ispirti?
**<u>Tweġiba</u>:**
Iva ☐
Le ☐

## <u>2 Korintin 5:8-9</u>

**<u>Vers 8</u>** – "*Aħna għandna qalbna qawwija, ngħid jien, u rridu pjuttost li **noħorġu** mill-ġisem, **u ngħammru mal-Mulej**. Għalhekk naħdmu biex sew jekk nibqgħu, **u kemm jekk ma nibqgħux**, aħna nogħġbuh.*"

76. **<u>Mistoqsija</u>:**
Temmen int, li skond l-appostlu Pawlu, meta aħna **mmutu** mmorru "**ngħammru mal-Mulej**"?
**<u>Tweġiba</u>:**
Iva ☐
Le ☐

77. **Mistoqsija**:
Taqbel int li dan ma jistax jirreferi għal l-eżistenza tagħna **wara l-qawmien**, għaliex f'dak il-waqt aħna jkollna ġisem (1 Korintin 15:44; Filippin 3:20-21) imma fil-mewt l-ispirtu (ruħ) tagħna **jħalli l-ġisem**?
**Tweġiba**:
Iva ☐
Le ☐

78. **Mistoqsija**:
Taqbel int li "***u kemm jekk ma nibqgħux***" jirreferi għal l-eżistenza tagħna l-mewt fiżika?
**Tweġiba**:
Iva ☐
Le ☐

79. **Mistoqsija**:
Taqbel int li, biex wara li aħna "***ma nibqgħux***" inkunu nistgħu "**nibqgħu nogħoġbuh**" dan ifisser li r-ruħ (spirtu) tagħna tibqa' tgħix?
**Tweġiba**:
Iva ☐
Le ☐

**Filippin 1:23**
"*Għax jien marsus li nitlaq,* ***u li nkun ma' Kristu; li hu wisq aħjar****.*"

80. **Mistoqsija**:
Kien l-appostlu Pawlu qiegħed jirreferi għal *wara* l-mewt fiżika tiegħu jew le meta qal "*li nitlaq,* ***u li nkun ma' Kristu; li hu wisq aħjar***"?
**Tweġiba**:
Iva ☐
Le ☐

81. **Mistoqsija**:
Jista' xi ħadd li jkun telaq (miet) u jkun ma' Kristu, u *jkun wisq aħjar* milli kien hawn ħaj fuq l-art, ma' jkunx konxju?
**Tweġiba**:
Iva ☐
Le ☐

82. **Mistoqsija**:

Jekk, skond xi wħud, persuna (ruħ) *ma tistax tkun konxja* ***qabel*** *il-qawmien*, taqbel int li dan il-vers ma jagħmel ebda sens?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**Rivelazzjoni 6:9-11**

"*U meta fetaħ il-ħames siġill, jien rajt taħt l-artal* ***l-erwieħ ta' dawk li kienu maqtula*** *minħabba l-kelma ta' Alla* [10]*U kienu* ***jgħajtu b'leħen qawwi, u jgħidu****: O Mulej, qaddis u veru, ma tagħmilx ħaqq u titħallas ta' demmna minn* ***dawk li jgħammru fuq l-art****?* [11]*U lil kull wieħed minnhom intgħataw ilbiesi bojod; u qalulhom, biex jistrieħu ftit taż-żmien ieħor, sa-kemm il-għadd tagħhom ikun sħiħ ma' sħabhom qaddejja u ma' ħuthom, li* ***sa jinqatlu bħalhom****.*"

83. **Mistoqsija**:
Taqbel int li l-erwieħ kienu ta' nies **maqtula**?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

84. **Mistoqsija**:
Jekk l-erwieħ kienu ta' nies **maqtula** u dawn "***bdew igħajtu b'leħen qawwi,***" ma jurix dan lir-ruħ ma tmutx wara li persuna tmut fiżikament imma li l-ġisem biss imur lura lejn it-trab minn fejn ġie u li l-ispirtu (ir-ruħ) tmur lura lejn Alla li tah?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

85. **Mistoqsija**:
Jista' xi ħadd li ma jkunx konxju **jgħajjat b'leħen qawwi, u jgħid:** "*O Mulej, qaddis u veru, ma tagħmilx ħaqq u titħallas ta' demmna minn dawk* ***li jgħammru fuq l-art***"? (Tinsiex li dawk li bdew igħajtu kienu "**l-erwieħ ta' dawk li kienu maqtula** minħabba l-kelma ta' Alla").
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

86. **Mistoqsija**:

Temmen int li “**L-erwieħ ta’ dawk li kienu maqtula** u “**dawk li jgħammru fuq l-art**” kienu jinsabu fl-istess post jew stat?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

87. **Mistoqsija**:
Temmen int li “**L-erwieħ ta’ dawk li kienu maqtula** kienu jinsabu f’ġisem fiżiku?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

88. **Mistoqsija**:
Temmen int li “**dawk li jgħammru fuq l-art**” kienu f’ġisem fiżiku?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

89. **Mistoqsija**:
Temmen int li “l-**erwieħ ta’ dawk li kienu maqtula**” kienu ta’ nies martri, għalhekk **iġsma** maqtula—li kienu ġew midfuna, maħruqa, mitmugħin lil l-annimali, mixħuta fil-baħar, eċċ—baqgħu fuq l-art. U madankollu, bħala **erwieħ**, kienu qegħdin *jeżistu fil-preżena ta’ Alla*?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

90. **Mistoqsija**:
Temmen int, li, skond il-Bibbja Mqaddsa, hemm *ruħ* li teżisti *indipendenti* mill-ġisem uman?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

91. **Mistoqsija**:
Taqbel int li l-erwieħ kienu ta’ nies **maqtula**?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**<u>Ġożwè 11:11</u>**

"*U **qatlu lil kull ruħ** li kien hemm fiha **b'xifer ix-xabla**, u qerduhom għalkollox: ma kien baqa' ħadd min jieħu n-nifs: u ħaraq Ħasor bin-nar.*"

92. **<u>Mistoqsija</u>**:

Jista' xi ħadd joqtol "ruħ" b'xifer ix-xabla?

**<u>Tweġiba</u>**:

Iva ☐
Le ☐

93. **<u>Mistoqsija</u>**:

Tirreferi hawn il-kelma "ruħ" li kienet maqtula b'xifer ix-xabla għall-persuna fiżika jew għar-ruħ (spirtu) li jmur lura għand Alla?

**<u>Tweġiba</u>**:

Għall-persuna fiżika ☐
Għar-ruħ (spirtu) li jmur lura għand Alla ☐

**KONKLUŻJONI**

**F'liema sens "ir-ruħ li tidenb <u>tmut</u>"** (Eżekjel 18:20)?

**<u>Eżekjel 18:20</u>**

"***Ir-ruħ li tidneb tmut**, L-iben ma jbatix minħabba fid-dnubiet ta' missieru, u lanqas il-missier minħabba fid-dnubiet ta' ibnu. Il-ġustizzja tal-bniedem ġust titqieslu għalih ġid; u l-ħażen tal-bniedem ħażin jitqieslu għalih kastig.*"

**<u>Luqa 15:11-32</u>**

"[11]*U qal: Wieħed raġel kellu żewġt itfal:* [12]*U ż-żgħir fosthom qal lil*
*missieru: Missier, agħtini s-sehem tal-ġid li jmissni mill-wirt. U qassmil-*
*hom ġidu.* [13]*U xi ftit jiem wara, iż-żgħir ġabar kollox, u siefer f'art bgħida,*
*u hemm berbaq ġidu f'ħajja ta' ħala.* [14]*U meta nefaq kollox, ġie ġuħ kbir*
*f'dik l-art; u ġie fil-bżonn.* [15]*U mar, u daħal ma' wieħed min-nies ta' dak*
*il-pajjiż; u bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-ħnieżer.* [16]*U kien jixtieq jimla*
*żaqqu bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer: u ħadd ma kien jagħtih.* [17]*U*
*meta daħal fih innifsu, qal: Kemm ħaddiema mikrija ta' missieri*
*għandhom ħobż biżżejjed u x'jagħtu, u jien qiegħed immut bil-ġuħ!*
[18]*Inqum, u mmru għand missieri, u ngħidlu: Missier, **<u>dnibt</u>** kontra s-sema,*
*u quddiemek.* [19]*U ma jisħoqqlix aktar li nissejjaħ ibnek; agħmilni bħal*
*wieħed mill-ħaddiema mikrija tiegħek.* [20]*U qam, u ġie għand missieru.*
*Imma meta kien għadu fil-bogħod ħafna, rah missieru, u ġietu ħniena, u*
*ġera, u ntafa' fuq għonqu, u biesu.* [21]*U l-iben qallu: Missier, **<u>dnibt</u>** kontra*
*s-sema, u quddie-mek, u ma jistħoqqlix aktar li nissejjaħ ibnek.* [22]*Imma l-*

*missier qal lill-qaddejja tiegħu: Ġibu l-aħjar libsa, u libbsuhielu; u qegħdulu ċurkett f'idu, u qorq f'riġlejh.* [23]*U ġibu l-għoġol imsemmen, u oqtluh; u ħa nieklu u nifirħu: Għax dan ibni* ***kien mejjet, u raġa' ħa l-ħajja****;* ***kien mitluf, u nstab****. U bdew jifirħu* [24]*Għax dan ibni kien mejjet, u raġa' ħa l-ħajja; kien mitluf, u nsab. U bdew jifirħu.* [25]*Issa Ibnu l-kbir kien fil-għalqa: u x'ħin kien ġej u qorob lejn id-dar, sama' d-daqq u ż-żfin.* [26]*U asejjaħ wieħed mill-qaddejja, u staqsa x'kien ifisser dan.* [27]*U qallu: Ħuk ġie; u missierek qatel il-għoġol imsemmen, għax laqgħu qawwi u sħiħ.* [28]*U għadab, u ma ridx jidħol: għalhekk ħareġ missieru, u beda jitolbu bil-ħniena.* [29]*U dak wieġeb, u qal lil missieru: Ara, ilni dawn is-snin kollha naħdimlek, u qatt ma ksirt l-ordni tiegħek; u lili qatt ma tajtni ġidi, biex nifraħ ma' ħbiebi:* [30]*Iżda hekk kif ġie dan ibnek, li* ***tajjar ġidek man-nisa ħżiena****, qtiltlu l-għoġol imsemmen.* [31]*Ibni, qallu missieru, inti dejjem miegħi, u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek.* [32]*Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk* ***kien mejjet u reġa' qam****, kien mitluf u nstab.*"

94. **Mistoqsija**:
Temmen int, li l-iben iż-żgħir **dineb**?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

95. **Mistoqsija**:
Temmen int li l-iben iż-żgħir, meta **dineb** u tajjar ***ġidu man-nisa ħżiena*** kien għadu ħaj **bir-ruħ u l-ġisem**?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

96. **Mistoqsija**:
Temmen int, li l-iben iż-żgħir, skond missieru [li jirrappreżenta lil Alla], meta **dineb** u tajjar ***ġidu man-nisa ħżiena*** kien **mejjet**?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

97. **Mistoqsija**:
Temmen int, li l-iben iż-żgħir meta **dinbeb** kien mejjet **spiritwal-ment**, **isseparat** minn Alla?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

98. **Mistoqsija**:
Temmen int, li l-iben iż-żgħir meta **dinbeb** u kien mejjet **spiritwalment**, **isseparat** minn Alla, ir-ruħ tiegħu ma kinetx mejta fis-sens li ma baqgħetx teżisti aktar imma fis-sens li kienet **isseparata** minn Alla?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

99. **Mistoqsija**:
Temmen int, li l-iben iż-żgħir meta **dinbeb** u kien mejjet **spiritwalment**, **isseparat** minn Alla, u r-ruħ tiegħu ma kinetx mejta fis-sens li ma baqgħet teżisti aktar imma fis-sens li kienet **isseparata** minn Alla, wara li nidem, **raġa' sar ħaj**, skond il-missier, "***kien mejjet, u raġa' ħa l-ħajja***; ***kien mitluf, u nstab***… ***kien mejjet u reġa' qam…***" (versi 23, 32)?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

100. **Mistoqsija**:
Temmen int, lir-ruħ ta' l-iben iż-żgħir, meta **dinbeb** mietet fis-sens li ma baqgħetx treżisti aktar jew fis-sens li kienet **isseparata** minn Alla?
**Tweġiba**:

Fis-sens li ma baqgħetx treżisti aktar ☐
Fis-sens li kienet **isseparata** minn Alla ☐

101. **Mistoqsija**:
Jekk l-iben iż-żgħir meta **dinbeb, miet**, dejjem sond il-missier [Alla] **raġa' sar ħaj**, ma jfissirx dan lir-ruħ tiegħu kienet għadha teżisti xi mkien, ukoll għalkemm **kienet mejta spiritwalment**, u mhux li nqer-det għalkollox mill-eżistenza?
**Tweġiba**:

Iva, kienet għadha teżisti. ☐
Inqerdet għalkollox mill-eżistenza ☐

## Ġenesis 2:16

"[16]*U Yaħweh Alla ta dal-kmandament lill-bniedem, billi qallu: Minn kull siġra tal-ġnien tista' tiekol:* [17]*Iżda mis-siġra ta' tagħrif il-ġid u d-deni, la tikolx minnha: għax dak in-nhar li tiekol minnha* ***żgur tmut****.*"

**102. Mistoqsija:**

Temmen int li Yaħweh qal li r-**ruħ żgur tmut**?

**Tweġiba:**

Iva ☐

Le ☐

## Ġenesis 3:3

"[3]*Iżda mill-frott tas-siġra, li hemm f'nofs-il ġnien, Alla qal: La tieklux minnu, lanqas tmissuh,* ***li ma tmutux****.* [4]*U s-serp qal lill-mara: Le,* ***żgur ma tmutux****:* [5]*Għax Alla jaf li fil-jum li tieklu minnhu, għajnejkom jinfetħu, u tkunu bħal allat, tagħrfu l-ġid u d-deni.* [6]*U l-mara rat lis-siġra kienet tajba għall-ikel u tiġbdek fil-għajn, u s-siġra tħajrek biex tikseb id-dehen; u ħadet mill-frott* ***u kielet****. Imbagħad tat ukoll lil żewġha, li kien magħha,* ***u kiel****.*"

**103. Mistoqsija:**

Temmen int meta Adam u Eva kielu mill-frott huma **mietu** kif kien qalilhom Yaħweh?

**Tweġiba:**

Iva ☐

Le ☐

**104. Mistoqsija:**

Temmen int, li meta Adam u Eva kielu mill-frott huma **mietu** fiżikament jew spiritwalment?

**Tweġiba:**

Spiritwalment ☐

Fiżikament ☐

**105. Mistoqsija:**

Temmen int, li meta Adam u Eva kielu mill-frott huma, għalkemm **mietu,** kif kien qalilhom Yaħweh, huma kienu għandhom ħajjin bir-ruħ ġo fihom u mhux ġisem fiżiku mingħajr ruħ?

**Tweġiba:**

Iva, bir-ruħ ġo fihom ☐

Le, ġisem fiżiku mingħajr ruħ ☐

**106. Mistoqsija:**

Temmen int, li meta Adam u Eva kielu mill-frott, huma, għalkemm **mietu,** kif kien qalilhom Yaħweh, kienu għandhom ħajjin bir-ruħ ġo fihom?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**107. Mistoqsija:**
Temmen int, li "**r-ruħ li tidenb tmut**" ifisser li tmut f'sens ta' **sepa-rarazzjoni** minn Alla u mhux kif igħallmu xi wħud li din tinqered għalkollox?
**Tweġiba**:

Separazzjoni minn Alla ☐
Tinqered għalkollox ☐

**Galatin 6:7**

"*Titqarrqux; Alla ma jidħak bih ħadd. Dak li bniedem jiżra', dak huwa jaħsad.*"

**108. Mistoqsija**:
Temmen int li "*Alla ma jidħak bih ħadd*?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**109. Mistoqsija**:
Kienu t-tweġibiet tiegħek imwieġba minnek biss, skond il-fehma tiegħek waħdek, jiġifieri, mingħajr ma ħallejt l-ebda indħil ta' xi tagħlim ieħor tal-bnedmin jitħallat magħhom?
**Tweġiba**:

Iva ☐
Le ☐

**Mela:**

**Efesin 5:6** – "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'dawn il-ħwejjeġ tinżel il-korla ta' Alla fuq ulied id-diżubbid-jenza.*"

__Kolossin 2:8__ – "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond it-tradizzjonijiet tal-bnedmin skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu.*"

__2 Ġwanni 1:9-11__ – "[9]*Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan ma għandux lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih.* [10]*Jekk jiġikom xi ħadd u ma jġibilkomx dan it-tagħlim, la tilqgħuhx għandkom u la ssellmulux,* [11]*Għax min isellimlu jkun qiegħed jissieħeb miegħu fl-egħmejjel ħżiena tiegħu.*"

__2 Korintin 13:14__ – "***Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, u l-imħabba t'Alla, u x-xirka ta' l-Ispirtu s-Santu, ikunu magħkom ilkoll. Amen.***"


**Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana:**
**Knisja Ta' Kristu**
**Flat 1, Polytechnic Flats,**
**Ġużè Debono Square,**
**Msida. MSD 10**

**e-mail: info@churchofchristmalta.com**

**jew: www.churchofchristmalta.com**